MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 733/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Alan Rodney Spence (K.I. 37557A)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tliet mija sitta u tlettin ewro u seba’ ewro centezmi (€336.07) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *client contract number* 408610 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lill- banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tad-19 ta'Frar, 2010 fejn it-Tribunal akkorda lill-konvenut tmintax-il jum ghar-risposta u l-kawza giet differita ghat-18 ta' Marzu, 2010.

Illi fis-seduta tat-18 ta'Marzu, 2010 il-konvenut ammetta t-talba seduta stante izda esprima x-xewqa illi jhallas il-kont ratejalment.

It-Tribunal spjega lill-konvenut li dwar il-metodu tal-hlas kellu jirranga privatament mas-socjeta' attrici u ma kienx il-kompitu tat-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------